**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, l-Erbgħa, 16 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Nru: 69/2022**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 1255/2021 CFS**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1899/2021, fl-ismijiet:**

***Mark Alexander Bugeja***

***vs.***

***ARCStudio Limited u AIC Claude Busuttil***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar għadd ta' talbiet imressqa minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil fosthom: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1899/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(ċ), (d)** u/jew **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; (ii) sabiex jitħallsu penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8)(ċ)** u **(d)** u fl-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iii) sabiex, jekk kemm-il darba jitħalla l-mandat fis-seħħ, Mark Alexander Buġeja jiġi mġiegħel iħallas garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni u penali skont l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>27 ta' Jannar, 2022</u>**, ARCStudio Limited u Claude Busuttil fissru li huma ġew milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1899/2021. Huma jgħidu li l-pretensjoni ta' Mark Alexander Buġeja hija kawtelata minn garanzija xierqa għaliex il-kumpannija ARCStudio Limited għandha f'idejha polza ta' assigurazzjoni li hija kienet kisbet mingħand Lloyd's Insurance. Huma jallegaw ukoll li min talab il-mandat ma ġġustifikax is-somma li kellha tiġi kawtelata bil-mandat. Minbarra dan, huma jżidu wkoll li minn mindu daħal fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, is-sitwazzjoni tal-kumpannija sekwestrata marret għall-agħar għaliex hija qiegħda ssibha diffiċli biex tixtri l-materjal meħtieġ biex twettaq in-negozju tagħha u kif ukoll biex tħallas lill-impjegati tagħha;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet ARCStudio Limited u Claude Busuttil talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella fl-intier tiegħu l-mandat kawtelatorju 1899/2021 u dan ai termini tal-Artiklu 836(1)(ċ) u/jew Artikolu 836(1)(d) u/jew Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tordna lis-sekwestrant iressaq kull att ġudizzjarju, a spejjeż tiegħu, sabiex jitneħħa l-effetti tal-att kawtelatorju msemmi hekk kif mitlub fl-ewwel talba u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *3. Tagħti l-fakoltà lill-esponenti soċjetà li fin-nuqqas illi s-sekwestrant jikkonforma ruħu mat-tieni talba, l-istess soċjetà esponenti tkun tistà tressaq l-opportuni atti ġudizzjarji, a spejjeż tal-istess sekwestrant, sabiex jitneħħa l-effetti tal-att kawtelatorju indikat hekk kif mitlub fl-ewwel talba;*
>
> *4. Tikkundanna lis-sekwestrant iħallas penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(ċ) u (d) u 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *5. Tordna u tikkundanna lis-sekwestrant biex, fin-nuqqas li jiġi ordnat li jitneħħa l-att kawtelatorju, huwa jagħti, fi żmien perentorju stabbilit*

*mill-Qorti, garanzija xierqa skont l-Art. 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif imfisser f'dan ir-rikors;*

*6. Tordna u tagħti kull ordni u/jew provvediment ieħor opportun, neċessarju u/jew meħtieġ sabiex dawn il-proċedenti talbiet, kollha jew in parti, jiġu effettivament imħarsa u/jew esegwiti;*

*Bl-ispejjeż kontra s-sekwestrant, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni, u b'riserva għal kull dritt jew azzjoni oħra spettanti lis-sekwestrati.»*

4. B'digriet tagħha tas-**27 ta' Jannar, 2022**, il-qorti ordnat in-notifika lil Mark Alexander Buġeja, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil;

5. Mark Alexander Buġeja wieġeb fit-**28 ta' Frar, 2022** u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex it-talbiet miġjuba f'dan ir-rikors m'għandhomx jintlaqgħu;

6. Inżamm smigħ fil-**15 ta' Marzu, 2022** u wara li l-qorti semgħet x'kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, ir-rikors tħalla biex jingħata dan id-digriet kamerali;

***Fatti***

7. B'rikors maħluf numru 1255/2021CFS imressaq fil-21 ta' Diċembru, 2021, Mark Alexander Buġeja fetaħ kawża sabiex il-kumpannija ARCStudio Limited u Claude Busuttil jiġu kkundannati jħallsuh id-danni kif likwidati mill-qorti minħabba li fil-fehma tiegħu x-xogħlijiet marbuta mal-proġett ta' konservazzjoni u mal-bini tal-proprjetà tiegħu bin-numru 2, Triq il-Blajjiet, Marsascala ġew imwettqa ħażin u mhux skont is-sengħa;

8. Din il-kawża għadha ma nqatgħetx;

9. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fil-**21 ta' Diċembru, 2021**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Mark Alexander Buġeja biex jinħareġ mandat ta' sekwestru

kawtelatorju kontra ARCStudio Limited u Claude Busuttil, fl-ammont ta' €320,000;

10. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba, «*danni minnu sofferti, u li għad qed jiġu sofferti minħabba li l-intimati eżegwew l-inkarigu mogħti mis-sekwestrant b'nuqqas ta' ħila, negliġenza, u traskuraġni konsistenti speċifikament, iżda mhux limitatament fi skavar u tqattiegħ żejjed fil-blat, fi żbalji serji fil-livell tal-binja, f'nuqqas ta' użu ta' weathered old stone u f'difetti oħra serji ta' xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi s-sekwestrant qiegħed jannetti ma' dan il-mandat rapport imħejji mill-Perit Mario Cassar minn fejn jirriżultaw uħud mid-danni sofferti mis-sekwestrant – Dok 'A', liema danni però m'humiex qed jiġu limitati għal dak li jirriżulta mill-istess rapport*»;

11. Skont Mark Alexander Buġeja, wara li ntlaqa' l-mandat, parti mis-somma illi huwa talab illi tiġi kawtelata ġiet iddepożitata taħt l-awtorità ta' din il-qorti;

12. Imbagħad fis-**27 ta' Jannar, 2022**, ARCStudio Limited u Claude Busuttil ressqu r-rikors li dwaru qiegħed jingħata d-digriet tal-lum;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Qabel ma din il-qorti tgħaddi biex tqis it-talbiet ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil, ikun xieraq illi fl-ewwel lok tiġi mistħarrġa l-**eċċezzjoni ta' sura preliminari** li ġiet imressqa minn Mark Alexander Buġeja fit-tweġiba tiegħu għal dan ir-rikors. F'din l-eċċezzjoni, Mark Alexander Buġeja qiegħed jisħaq li r-rikors ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil huwa wieħed irritwali għaliex skontu dan kellu jsir fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mhux fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 1255/2021 CFS;

14. Jingħad minnufih li din l-eċċezzjoni ma tistax titqies li hija waħda tajba. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-kwistjoni tas-siwi ta' att ġudizzjarju ma tistax tiġi

użata bħala skuża biex proċedura titwaqqaf għal xejn b'xejn. L-eċċezzjoni tan-nullità tal-atti ġudizzjarji hija maħsuba biex iżżomm il-mixi 'l quddiem ta' att ġudizzjarju biss fiċ-ċirkostanzi speċifiċi maħsuba fl-**artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fuq kollox, biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal din irid jintwera li, b'dak in-nuqqas, il-parti li kontra tagħha jkun tressaq dak l-att tkun ġarrbet ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor jekk mhux bit-tħassir tal-att (ara l-**artikolu 879(1)(ċ) tal-Kapitolu 12** u ***36gaming Limited v. Panavik Gaming Limited et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011);

15. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandha quddiemha, il-qorti ma tistax issib li hemm iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal din is-sanzjoni qalila;

16. Fl-ewwel lok, l-**artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jgħid xejn dwar f'liema atti għandu jiġi mressaq rikors għat-tħassir ta' att kawtelatorju. Kif imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Doris Catania et v. Evelyn Farrugia*** deċiż fl-14 ta' Awwissu, 2014, *«il-liġi ma tgħid xejn dwar l-istesura tal-"okkju" fi proċedura taħt l-**artikolu 836**. Bi tħaddim tal-massima ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus, ladarba l-liġi ma tgħidx espressament li hemm nullità, ma jixraqx li wieħed jaħlaqha mix-xejn (Ara **art. 789(1)(a) tal-Kap 12**)»;*

17. Għalhekk daqskemm m'hemmx nullità jekk rikors taħt l-**artikolu 836** jitressaq fl-atti tal-mandat minflok fl-atti tal-kawża li l-qorti tkun qiegħda tittratta fil-mertu, daqstant ieħor m'hemmx nullità jekk bħalma ġara f'dan il-każ, ir-rikors isir fl-atti tal-kawża li qiegħda tittratta l-mertu tal-kawża u mhux fl-atti tal-mandat li qed jintalab li jiġi mħassar;

18. Fuq kollox, l-**artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jsemmi biss li rikors bħal dan għandu jsir quddiem il-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża. Tassew, ladarba ARCStudio Limited u Claude Busuttil imxew ma' dak li jipprovdi dan l-artikolu, ma hemm xejn ċensurabbli fil-mod ta' kif huma għażlu li jipproċedu;

19. Fit-<u>tieni lok</u>, Mark Alexander Buġeja ma wriex kif, bl-allegat nuqqas ta' ħarsien tal-forma tal-att, huwa ġarrab jew qiegħed iġarrab xi ħsara li tellfitu milli jiddefendi ruħu kif imiss għat-talbiet ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil;

20. Din l-eċċezzjoni preliminari ta' Mark Alexander Buġeja għalhekk qiegħda tiġi mwarrba;

21. Il-qorti tista' issa tgħaddi biex tqis it-talbiet mressqa fir-rikors li hija għandha quddiemha;

22. L-**<u>ewwel talba</u>** ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil hija biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1899/2021. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

23. L-<u>ewwel raġuni</u> mressqa minnhom biex jitħassar il-mandat hija li huma jinsabu koperti b'polza ta' assigurazzjoni ma' Lloyd's Insurance, liema polza tkoprihom sal-ammont massimu ta' €1,000,000 f'każ li huma jinsabu responsabbli għall-ksur tad-dmirijiet professjonali tagħhom waqt l-eżerċizzju tan-negozju tagħhom. Din ir-raġuni hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li mandat kawtelatorju jista' jitneħħa jekk tinġieb garanzija xierqa oħra, li fil-fehma tal-qorti tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' min ikun talab il-mandat;

24. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex il-garanzija titqies bħala waħda tajba, din trid tkun ġejja minn assi jew flus tal-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat (ara *inter alia* ***Paul Caruana v. Rudolph Gaerty*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Settembru, 2009). Ifisser dan, li l-ġid li jkun qiegħed jiġi provdut bħala garanzija jrid ikun wieħed li jkun disponibbli lill-esekutat u mhux ġid li l-esekutat ikun qiegħed igawdi minnu bir-rieda ta' terzi (ara ***Office Technology Ltd v. J.M. Supplies Co. Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 1999);

25. Huwa sewwasew għalhekk li ġie mtenni għadd ta' drabi li l-garanzija alternattiva għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti esekutata li tkun disponibbli u mhux fuq sempliċi wegħda jew xi ħaġa li tkun mistennija li sseħħ fil-ġejjieni (ara ***Mario Azzopardi et v. Suzanne Sammut*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009 u ***Buz-Dov Developments Ltd v. Gordon Farrugia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Frar, 2011, fost ħafna oħrajn);

26. L-importanti huwa li l-garanzija trid tkun waħda soda, ċara u li tista' tiġi użata mill-persuna li jkun kiseb il-mandat (ara ***Ranger Company Ltd v. Euro Imports Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar, 2003 u ***Jamar Malta Limited v. Office Group Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Awwissu, 2012);

27. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-argument ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil hekk kif inhuwa msejjes fuq din il-kawżali jfalli doppjament. Fl-ewwel lok, minn eżami tad-dokumentazzjoni li ġiet mehmuża mar-rikors li qiegħed jiġi mistħarreġ f'dan id-digriet, jirriżulta li l-polza ta' assigurazzjoni li ARCStudio Limited u Claude Busuttil qegħdin jistrieħu fuqha hija valida sal-24 ta' Frar, 2022. Fl-ebda waqt ma ntwera lil din qorti li fil-perijodu msemmi fil-polza, ARCStudio Limited u Claude Busuttil ressqu xi talba *(claim)* lill-kumpannija assiguratriċi Lloyd's Insurance taħt it-tieni sezzjoni tal-polza ta' assigurazzjoni sabiex hija tħallas jew tintrabat li tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet mqajma minn Mark Alexander Buġeja fil-kawża bin-numru 1255/2021CFS;

28. Fit-tieni lok, il-polza ta' assigurazzjoni mhijiex ġejja mill-assi jew mill-flus ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil. Tassew, f'każ li aktar 'il quddiem din il-qorti ssib li l-pretensjonijiet ta' Mark Alexander Buġeja kif imfissra fil-kawża mibdija minnu huma mistħoqqa u tagħtih raġun dwarhom, il-ħlas tad-danni minn Lloyd's Insurance jiddependi għalkollox mir-rieda tal-kumpannija assiguratriċi. Għalhekk, Mark Alexander Buġeja ma jista' jkollu l-ebda serħan tal-moħħ li l-kumpannija

assiguratriċi sejra tħallsu għad-danni li huwa allegatament ġarrab jekk l-eżitu finali tal-kawża jkun wieħed favorevoli għalih;

29. Fuq kollox, din il-qorti, b'Imħallfin differenti, diġà esprimiet il-fehma tagħha li t-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assigurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet tal-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ġeneralment ma jwassalx għat-tħassir tal-mandat kawtelatorju, u dan sewwasew għaliex il-polza ta' assigurazzjoni hija kuntratt bejn l-assigurat u l-assiguratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss, jeddijiet favur il-kreditur tal-assigurat (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999 u ***Mario Xerri et v. Anthony Muscat et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Lulju, 2007);

30. Għaldaqstant, l-ewwel talba ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil, hekk kif inhi msawra fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda tiġi miċħuda;

31. It-tieni raġuni mressqa minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil biex jitħassar il-mandat hija marbuta mal-**artikolu 836(1) (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew inkella jkun wieħed eċċessiv;

32. ARCStudio Limited u Claude Busuttil jargumentaw fir-rikors tagħhom li s-sekwestrant Mark Alexander Buġeja ma ppreżenta l-ebda dokumentazzjoni li tagħti xi forma ta' ġustifikazzjoni għal kif huwa wasal għas-somma ta' €320,000. Isostnu li fir-rapport tal-Perit Mario Cassar li ġie mehmuż mal-mandat ta' sekwestru ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-valur tad-danni li qiegħed jippretendi Mark Alexander Buġeja huwa dak ta' €320,000. Iżidu li tant kemm l-ammont mitlub fil-mandat mhux ġustifikat, li fir-rikors maħluf ma ntalbet li tiġi likwidata l-ebda ċifra speċifika iżda ġie mitlub li tkun il-qorti stess li tillikwida l-ammont ta' danni li huwa bata. Barra minn hekk, jirrilevaw ukoll li ma nġab l-ebda prospett ta'

danni flimkien mar-rikors maħluf u għalhekk Mark Alexander Buġeja baqa' ma spjegax kif wasal għaċ-ċifra hawn fuq isemmija;

33. Din il-qorti tibda billi tgħid li hija ma taqbilx ma' ARCStudio Limited u Claude Busuttil li għaliex Mark Alexander Buġeja ma talabx somma speċifika fir-rikors maħluf 1255/2021CFS, allura l-ammont imsemmi minnu fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jitqies bilfors bħala wieħed li mhuwiex ġustifikat. Il-fatt li kawża tkun waħda '*da liquidarsi*' ma jżommx lil dak li jkun milli jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ara ***Anthony Muscat et v. Anthony Nicholl et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Awwissu, 2009);

34. Daqskemm sekwestrant għandu jedd jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta l-ammont tiegħu jiġi likwidat u speċifikat f'rikors maħluf, daqstant ieħor sekwestrant li ma jillikwidax ammont speċifiku fir-rikors maħluf għandu l-istess jedd li jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, ħalli b'hekk ma jiġix mikxuf jekk kemm-il darba joħroġ rebbieħ fil-kawża li jkun fetaħ;

35. Wara kollox, l-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

36. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba'.»* (ara l-**artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**)»;

37. M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);

38. Ifisser dan, li kontra dak li jgħidu ARCStudio Limited u Claude Busuttil f'dan ir-rikors tagħhom, biex mandat ikun validu m'hemmx għalfejn li s-sekwestrant joqgħod jissostanzja l-ammont li jkun jixtieq jikkawtela b'xi rapporti peritali jew b'xi dokumenti tekniċi oħra. L-importanti huwa li ċ-ċifra li s-sekwestrant jitlob li tiġi kkawtelata bil-mandat tkun waħda li mad-daqqa t'għajn tista' titqies li tkun waħda li taqbel u tagħmel sens man-natura tad-dejn jew tal-pretensjoni msemmija bħala kawżali fil-mandat ta' sekwestru;

39. Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà (ara d-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe v. Mark Attard*** mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2021). Madankollu, mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tal-lum;

40. Din il-qorti ma tistax mad-daqqa t'għajn tgħid li l-pretensjoni ta' Mark Alexander Buġeja fir-rikors maħluf 1255/2021 CFS hija inkompatibbli maċ-ċifra ta' €320,000 imsemmija fil-mandat ta' sekwestru bin-numru 1899/2021. Mhijiex xi ħaġa daqshekk diffiċli li wieħed jimmaġina danni ta' madwar €320,000 minħabba (i) allegat tħaffir u tqattigħ żejjed fil-blat li kkomprometta l-livell finali tal-binja; (ii) it-twaħħil ta' multi ta' madwar €16,000 minħabba xogħol li allegatament ma sarx skont il-permessi; (iii) allegat deprezzament fil-valur ta' proprjetà minħabba allegati varjazzjonijiet li saru u li biddlu kompletament il-fiżjonomija tal-binja; (iv) l-allegata telfa ta' binja vernikulari li ma tistax titreġġa' lura; u (v) xogħol fuq binja li allegatament ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Fuq kollox, kien il-Perit Mario Cassar stess li għamel u ħalef l-istima ta' dawn l-allegati danni li ġarrab Mark

Alexander Buġeja, liema stima ġiet mehmuża mal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1899/2021 u tlaħħaq l-ammont ta' €320,000;

41. Naturalment il-qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li Mark Alexander Buġeja għandu raġun jitlob €320,000 għaliex din hija xi ħaġa li għad trid tiġi ppruvata waqt il-kawża. Li qed tgħid il-qorti f'din il-proċedura huwa biss, li ARCStudio Limited u Claude Busuttil ma rnexxilhomx juru li l-ammont kawtelat Mark Alexander Buġeja fil-mandat ta' sekwestru 1899/2021 huwa wieħed li mad-daqqa t'għajn jidher li mhuwiex ġustifikat jew inkella wieħed eċċessiv għall-għanijiet tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

42. It-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil sabiex jitħassar il-mandat taħt l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

43. It-<u>tielet raġuni</u> msemmija minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil għaliex għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

44. Din il-kawżali tidħol fix-xena biss fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat (ara *inter alia* ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta' Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta' Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta' Awwissu, 2001);

45. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li

dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

46. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

47. Fil-każ tagħna, ARCStudio Limited u Claude Busuttil jargumentaw li minn mindu daħal fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, is-sitwazzjoni tal-kumpannija sekwestrata marret għall-agħar għaliex sewwasew minħabba l-effetti tal-istess mandat hija qiegħda ssibha diffiċli biex tixtri l-materjal meħtieġ biex twettaq in-negozju tagħha u kif ukoll biex tħallas lill-impjegati tagħha. Għalhekk huma qegħdin jgħidu li l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju wassal għal tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-kumpannija ARCStudio Limited;

48. Din il-qorti tqis illi mbilli l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru 1899/2021 jista' jkun li laqat ħażin l-aċċess tal-kumpannija ARCStudio Limited għall-flejjes tagħha, dan ma jfissirx li nbidlet xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju. Huwa mistenni li mandat ta' sekwestru jweġġa' lil dak li jkun għaliex is-sekwestrat ma jkollux aktar il-kontroll sħiħ ta' flusu. Madankollu, il-fatt li wieħed jista' jingidem bl-effetti tal-mandat, ma jiġġustifikax b'daqshekk biss it-tneħħija tal-mandat. Tassew, li kieku mandat jista' jitneħħa faċilment bil-prova ta' tbatija, dan iġib fix-xejn u jmewwet l-iskop kollu wara l-ħruġ tal-mandat. Dan għaliex ftit jew wisq, kull sekwestrat ibati xi għamla ta' preġudizzju bil-ħruġ ta' mandat kontrih. Jgħodd hawnhekk, dan imtenni fid-digriet ***Bruno Romanò v. Blaschem (Malta) Limited*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2003, fejn ingħad illi, «*Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati»;*

49. Minbarra dan, iċ-ċirkostanza msemmija minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil mhijiex waħda li tħalli effett fuq ir-relazzjoni ta' bejnhom u bejn Mark

Alexander Buġeja iżda hija waħda li tolqot biss ir-relazzjoni ta’ bejn ARCStudio Limited u terzi. Jiġi b’hekk, li din ir-raġuni li ġiet imressqa minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil biex jitħassar il-mandat mhijiex waħda siewja;

50. Għalhekk fid-dawl ta’ dan kollu, din il-qorti qiegħda tiċħad l-**ewwel talba** ta’ ARCStudio Limited u Claude Busuttil sabiex jitħassar il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 1899/2021;

51. Fit-**tieni** u fit-**tielet talba** tagħhom, ARCStudio Limited u Claude Busuttil stiednu lil din il-qorti sabiex hija tagħti l-ordnijiet neċessarji biex Mark Alexander Buġeja jiġi mġiegħel li jressaq l-atti ġudizzjarji meħtieġa biex jitneħħew l-effetti tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u biex f’każ li Mark Alexander Buġeja jonqos li jagħmel dan, huma jingħataw il-permess li jressqu l-atti ġudizzjarji relattivi sabiex jinteħħew l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju;

52. Peress li l-ewwel talba ta’ ARCStudio Limited u Claude Busuttil qiegħda tiġi miċħuda, din il-qorti sejra tgħaddi biex tiċħad ukoll it-**tieni** u t-**tielet talba** tagħhom. F’kull każ, dawn it-talbiet tressqu bla bżonn għaliex li kieku din il-qorti sabet raġunijiet tajba biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 1899/2021, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li jsir xi att ġudizzjarju mill-partijiet sabiex jitneħħew l-effetti tal-att kawtelatorju;

53. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ ir-**raba’ talba** ta’ ARCStudio Limited u Claude Busuttil biex Mark Alexander Buġeja jiġi kkundannat iħallas penali skont l-**artikolu 836(8) u (9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

54. Il-qorti tqis li hemm differenza mhux traskurabbli bejn dak li jipprovdu **s-sub-inċiżi (8)** u **(9) tal-artikolu 836 tal-Kap 12**. Filwaqt li s-**sub-inċiż (8)** jagħti d-diskrezzjoni lil din il-qorti li tordna lis-sekwestrant iħallas penali lis-sekwestrat f’għadd ta’ ċirkostanzi imsemmija fl-istess sub-artikolu, is-**sub-inċiż (9)** jagħti lill-qorti s-setgħa li fuq rikors imressaq mis-sekwestrat, tikkundanna lis-sekwestrant

iħallas id-danni lis-sekwestrat għall-ħsara li dan tal-aħħar ikun ġarrab minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

55. Dan kollu ġie ppreċiżat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001 fejn ingħad hekk:

> *«Hu immedjatament ovvju minn eżami komparattiv ta' dawn iż-żewġ subinċiżi illi l-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-kundanna għall-ħlas ta' penali li l-Qorti timponi fuq talba tal-persuna li kontra tagħha jkun ħareġ il-mandat kawtelatorju li ma jkunx ġie segwit b'kawża, u l-azzjoni proposta mid-debitur eżekutat kontra l-kreditur eżekutant għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnu sofferti bħala konsegwenza tan-nuqqas tal-istess kreditur li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu fit-terminu statutorjament stabbilit. Filwaqt li f'dan l-aħħar każ ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi rizarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni, fl-ewwel każ fejn il-Qorti tiġi mitluba timponi penali – sanzjoni din għal kollox distinta u awtonoma minn dik ta' ħlas ta' danni tant li hu faċilment konċepibbili illi tista' tiġi mposta l-penali anke fil-każ fejn ma jkunux irriżultaw danni rejali u attwali – l-liġi tipprovdi biss li kellu jkun hemm talba lill-Qorti. It-terminu "talba" timporta l-anqas forma solenni li biha persuna setgħet tadixxi lill-Qorti biex mingħandha tirċievi l-ħaqq. It-talba tista' tkun skritta, li formalment tissejjah rikors, u tista' wkoll tkun verbali meta bħala regola tiġi mill-Qorti verbalizzata in atti.»*

56. Għalhekk, it-talba biex Mark Alexander Buġeja jiġi kkundannat iħallas il-penali lil ARCStudio Limited u Claude Busuttil ma setgħetx titressaq taħt is-**sub-inċiż (9) tal-artikolu 836 tal-Kap 12** għaliex dan is-subinċiż jitkellem biss dwar danni;

57. F'kull każ, fil-fehma tal-qorti talba taħt is-**sub-inċiż (9) tal-artikolu 836 tal-Kap 12**, ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors, marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju;

58. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

*«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll ***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

59. Illi għalhekk, il-qorti ssib li din ir-raba' talba sabiex Mark Alexander Buġeja jiġi ordnat iħallas penali skont l-**artikolu 836(9)** ma tistax tintlaqa', kemm għaliex dan is-sub-inċiż ma jitkellimx dwar penali u kif ukoll għaliex din it-talba saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

60. Jifdal allura li jiġi mistħarreġ jekk Mark Alexander Buġeja għandux jiġi mġiegħel iħallas penali lil ARCStudio Limited u Claude Busuttil skont is-**sub-inċiż (8) tal-artikolu 836**. Għalkemm ARCStudio Limited u Claude Busuttil isejsu s-sottomissjonijiet tagħhom fuq il-**paragrafi (b)** u **(d)** ta' dan is-sub-inċiż, fir-raba' talba tagħhom huma jagħmlu referenza biss għall-**paragrafi (ċ)** u **(d)** tal-istess. Għalhekk din il-qorti sejra tindaga jekk seħħitx xi waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ) u (d) tas-**sub-inċiż (8)** tal-**artikolu 836**;

61. L-<u>ewwel kawżali</u> msemmija minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil għaliex Mark Alexander Buġeja għandu jeħel il-penali hija mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(b)**;

62. Dan is-sub-inċiż jgħid li t-twaħħil ta' penali hija mistħoqqa f'żewġ ċirkostanzi differenti, *viz*.

   i. Jekk min talab il-mandat jonqos milli jiġġustifikah; jew
   ii. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' urġenza, l-esekutant jonqos milli jgħarraf lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, bil-pretensjonijiet li huwa għandu kontrih;

63. Dwar l-ewwel ċirkostanza, ingħad bosta drabi li l-istħarriġ li għandha tagħmel il-qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ

fil-kawża proprija bejn il-partijiet (ara ***Majid Aidi v. Mohammed Mustafa Haman*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Awwissu, 2018);

64. Kif tajjeb saħqet il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Grazio sive Horace Cachia v. Agostino sive Winston Carbone et,***

> *«fi proċeduri ta' din ix-xorta, l-eżami li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment riżervat għall-proċeduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawża.»*

65. Fuq bażi *prima facie*, il-qorti ma tistax tgħid għalissa li l-pretensjonijiet imressqa minn Mark Alexander Buġeja mhumiex ġustifikati. ARCStudio Limited u Claude Busuttil jistgħu ma jaqblu xejn ma' dawn il-pretensjonijiet, iżda b'daqshekk ma jfissirx li Mark Alexander Buġeja m'għandux sies legali sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu;

66. Hekk ukoll, il-qorti ma tistax tgħid li l-pretensjoni ta' Mark Alexander Buġeja saret fl-għama għaliex huwa ressaq rapport tal-Perit Mario Cassar li jistma li biex Mark Alexander Buġeja jiġi kkumpensat għad-danni li huwa ġarrab, hemm bżonn li jinħarġu €320,000. Għalkemm il-qorti tista' tifhem il-frustrazzjoni ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil li ntlaqtu minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju, madankollu l-qorti ma tħossx li għandha tidħol biex teżamina l-pretensjonijiet fil-mertu taż-żewġ naħat. Fuq kollox, il-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq responsabbiltà ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-ħruġ ta' mandati simili biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, m'għandux jiġi mxekkel inġustament;

67. Għalhekk il-qorti ma ssibx li għandha twaħħal penali lil Mark Alexander Bugeja minħabba din iċ-ċirkostanza;

68. Dwar it-tieni ċirkostanza msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)**, *viz*. jekk saritx interpellazzjoni għallinqas ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, intqal kemm-il darba li l-liġi ma tridx li din tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali (ara *inter alia* ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Awwissu, 2017, ***Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'April, 2017 u ***Ian Sammut v. Entree Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru, 2009);

69. Tajjeb li jingħad ukoll, li l-fatt waħdu li ma tkunx saret talba bħal din, qabel ħmistax-il jum li jkun inħareġ il-mandat, mhijiex meqjusa bħala raġuni awtomatika biex dak li jkun jeħel il-penali. Dan għaliex jekk dak li jkun juri li kien hemm raġuni tajba għaliex ma ressaqx talba preċedenti għall-mandat, il-penali m'għandhiex tingħata (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999 u ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

70. Fil-każ tagħna, jirriżulta li din l-interpellazzjoni saret permezz ta' ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 2020. Huwa minnu li din l-ittra uffiċjali saret ftit aktar minn sena qabel il-ħruġ tal-mandat imma dak li trid il-liġi huwa li l-mandat ma' jinħariġx bħal sajjetta fil-bnazzi. Sewwasew għalhekk li l-liġi trid li għandu jkun hemm żmien ta' mill-inqas ħmistax-il jum bejn l-interpellazzjoni u t-talba għall-ħruġ tal-mandat;

71. F'dan il-każ ARCStudio Limited u Claude Busuttil ma jistgħux jgħidu li l-mandat ħadhom għall-għarrieda għaliex huma setgħu jobsru li Mark Alexander Buġeja ma kienx ħa joqgħod bi kwietu, iżda wara l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 2020 kien ħa jibqa' jippersisti fil-pretensjonijiet tiegħu dwar id-danni li huwa allegtament ġarrab u dan bil-ftuħ ta' kawża u bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

72. Għalhekk fuq din il-kawżali, il-qorti ssib li m'hemmx raġuni tajba biex Mark Alexander Buġeja jeħel penali;

73. It-tieni kawżali għat-twaħħil ta' penali li semmew ARCStudio Limited u Claude Busuttil hija msawra fuq l-**artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; għalkemm huma baqgħu ma fissrux għaliex Mark Alexander Buġeja għandu jeħel il-penali taħt dan il-paragrafu tal-liġi;

74. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti sekwestrata turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila finanzjarja tagħha li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew (ara ***Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut et***, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju, 2003, ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited***, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Awwissu, 201, u ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited***, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

75. ARCStudio Limited u Claude Busuttil m'għamlu xejn minn dan kollu, tant li lanqas biss ressqu bilanċi finanzjarji mħejjija mill-komputisti jew uffiċjali ta' ARCStudio Limited biex jikkonvinċu lil din il-qorti li ARCStudio Limited tinsab f'qagħda finanzjarja stabbli u b'saħħtiha. Anzi, bis-sottomissjoni tagħhom li ARCStudio Limited qiegħda ssibha diffiċli biex tixtri l-materjal meħtieġ biex twettaq in-negozju tagħha u kif ukoll biex tħallas lill-impjegati tagħha b'konsegwenza diretta tal-mandat kawtelatorju li nħareġ kontra tagħha, ARCStudio Limited u Claude Busuttil pjuttost iwaqqgħu l-ġebla fuq saqajhom għaliex dan inissel dubji serji f'din il-qorti dwar kemm ARCStudio Limited tinsab f'qagħda finanzjarja tajba sabiex hija tħallas għat-talbiet imressqa minn Mark Alexander Buġeja fil-kawża bin-numru 1255/2021CFS;

76. Illi għalhekk, lanqas taħt din il-kawżali ma ntwera li hemm raġuni tajba biex il-Qorti tikkundanna lil Mark Alexander Buġeja għall-ħlas tal-penali mitluba;

77. It-tielet u l-aħħar kawżali għat-twaħħil tal-penali msemmija minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil hija marbuta mal-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-**

**Liġijiet ta’ Malta**, li jgħid li għandha tiġi mwaħħla penali jekk it-talba tar-rikorrenti tkun waħda li ssir b’malizzja, tkun frivola jew vessatorja;

78. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, ladarba f’din id-deċiżjoni nstab li l-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kien wieħed *prima facie* ġustifikat, allura għandu jsegwi li dan il-mandat ma jistax jitqies li nħareġ b’ħażen jew fil-vojt;

79. Għalhekk il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li f’dan il-każ ma hemmx lok li Mark Alexander Buġeja jiġi kkundannat li jħallas penali;

80. Ir-rabà talba ta’ ARCStudio Limited u Claude Busuttil qiegħda għalhekk tiġi miċħuda wkoll;

81. Il-**ħames talba** hija biex din il-qorti timponi garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u tad-danni fuq Mark Alexander Buġeja skont l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

82. L-ordni biex tingħata garanzija taħt l-**artikolu 838A** ma ssarrafx f’kundanna ta’ penali jew f’kundanna għall-ħlas ta’ danni. L-għan waħdieni tal-għoti tal-garanzija huwa biss li tqiegħed lil min ikun ġie milqut b’mandat kawtelatorju, f’qagħda li, meta u jekk jibda proċeduri għall-ħlas ta’ danni jew għat-twaħħil ta’ penali, huwa jkun jista’ jsib assi li fuqhom ikun jista’ jenforza deċiżjoni favorevoli għalih (ara ***Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart*** deċiż mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta’ Lulju, 2005);

83. Fid-deċiżjoni tagħha, fl-ismijiet ***Grazio sive Horace Cachia v. Agostino sive Winston Carbone et*** deċiża fil-25 ta’ Novembru, 2016, il-Qorti tal-Appell fissret li sabiex il-qorti tkun tista’ tordna l-għoti ta’ garanzija, hemm bżonn li tintwera kawża ġusta. Din il-kawża ġusta ma tintweriex iżda bil-fatt waħdu li l-persuna tkun intlaqtet bil-mandat kawtelatorju (ara ***Mediterranean Film Studios v. Albert Galea et noe*** deċiża fit-30 ta’ Ġunju, 2000);

84. Sfiq ma' dan, l-ammont waħdu li jkun ġie kawtelat f'mandat kawtelatorju ma jistax jitqies bħala raġuni tajba għall-kundanna lill-esekutant għall-għoti tal-garanzija għax inkella min ikun talab il-mandat jibqa' fejn ikun u jiġi f'sitwazzjoni ta' ċikku briku;

85. Kif tajjeb impoġġi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'***Volksbank Malta Limited v. Geosys Limited et*** deċiż fil-31 ta' Lulju, 2013,

> *«Huwa minnu li kull mandat iġib miegħu tfixkil lill-parti intimata u x'aktarx disaġju wkoll, imma dan m'huwiex, waħdu, kejl ta' "raġuni tajba" biex tintalab il-garanzija. Li kellu jkun hekk, kull darba li jinħareġ mandat trid tingħata l-garanzija. Din ma kenitx il-fehma tal-leġislatur.»*

86. Tassew immela, sabiex qorti tagħti ordni għall-għoti ta' garanzija jrid jintwera li hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u gravi, li jwasslu lill-qorti biex tagħti dik is-sanzjoni (ara *inter alia* ***Avukat Marisa Vella nomine vs. Ian Clague*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awwissu, 2021). Dawn ir-raġunijiet x'aktarx iridu jkunu mibnija fuq il-ħtija, kif imfissra fl-**artikoli 1031** u **1032 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***John Żarb v. Port Cottonera Ltd*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Settembru, 2002);

87. Mhux hekk biss, iżda d-danni allegatament imġarrba jridu jkunu marbuta direttament mal-ħruġ tal-mandat u jridu jkunu danni li jkunu jistgħu jiġu likwidati u mhux ikunu danni astratti li jkunu biss fl-arja jew mistħajla (ara ***Avukat Vincent Falzon noe v. Alex Sullivan*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu, 2001);

88. Imħaddem dan kollu, għall-każ tagħna, il-qorti tibda billi tgħid illi hija ma tistax tordna lil Mark Alexander Buġeja biex joffri garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-penali, ladarba aktar kmieni din il-qorti sabet li f'dan il-każ ma nġabitx raġuni tajba biex twaħħal il-penali;

89. Hekk ukoll, il-qorti lanqas ma tara li għandha għalfejn toqgħod tordna l-għoti tal-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni, ladarba ARCStudio Limited u Claude Busuttil ma fissrux fir-rikors tagħhom x'inhuma dawk id-danni li ġarrbu jew dawk id-danni li jistgħu jġarrbu 'l quddiem bħala konsegwenza tal-mandat. Huma jgħidu biss li qegħdin isibu diffikultà biex jixtru l-materjal meħtieġ għall-ħidma tagħhom u biex iħallsu l-pagi tal-impjegati tagħhom;

90. Barra l-fatt li ARCStudio Limited u Claude Busuttil ma ressqu l-ebda prova biex isostnu dak li allegaw, il-qorti tinnota wkoll li huma m'għamlu l-ebda tentattiv biex jillikwidaw id-danni li l-mandat ta' sekwestru qiegħed jikkawżalhom jew saħansitra biex jagħtu ħjiel tal-valur tagħhom b'tali mod li din il-qorti tista' tasal għal ammont ta' garanzija li hija tista' timponi skont il-ħames talba tagħhom (ara f'dan is-sens ***Charles De Giorgio Limited v. Perit Christian Spiteri***, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2003);

91. Illi peress li għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-qorti ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex Mark Alexander Buġeja jeħel penali, jiġi li m'hemm l-ebda raġuni għaliex hija għandha tordnalu jagħti garanzija taħt l-**artikolu 838A tal-Kap 12;**

92. Is-**sitt u l-aħħar talba** hija biex din il-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex it-talbiet l-oħra ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil ikunu jistgħu jiġu mħarsa u/jew esegwiti. Dwar din it-talba m'hemmx wisq x'jingħad. Darba li l-ewwel ħames talbiet ta' ARCStudio Limited u Claude Busuttil qegħdin jiġu miċħuda, din il-qorti sejra tgħaddi biex tiċħad ukoll is-sitt talba tagħhom.

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tas-27 ta' Jannar, 2022 billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjoni preliminari mressqa minn Mark Alexander Buġeja dwar in-nullità u l-irritwalità tar-rikors għaliex il-qorti sabet li dan ir-rikors tressaq b'mod tajjeb; u

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet kollha mressqa minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil għaliex il-qorti sabet li r-raġunijiet msemmija minnhom ma jwasslux għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru 1899/2021, jew għall-għoti ta' penali, jew għall-impożizzjoni ta' garanzija fuq Mark Alexander Buġeja jew għal xi teħid ta' xi provvedimenti oħra;

Fl-aħħar nett, il-qorti **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din it-tilwima proċedurali għandhom jitħallsu minn ARCStudio Limited u Claude Busuttil.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**